# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/859/PESK

## tad-19 ta' Diċembru 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/232/PESK tas-26 ta' April 2010 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Fis- 26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar.

(2) L-informazzjoni marbuta ma' entità waħda fil-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/232/PESK għandha tiġi aġġornata.

(3) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/232/PESK għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/232/PESK, l-entrata għal Mayar (H.K) Ltd għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Mayar India Ltd (Yangon Branch)
37, Rm (703/4), Level (7), Alanpya Pagoda Rd, La Pyayt Wun Plaza, Dagon, Yangon".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. KOROLEC

---

[1] ĠU L 105, 27.4.2010, p. 22.